Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru 14,917, 31 ta' Diċembru, 1987
Taqsima B

A.L. 81 ta' l-1987

ATT TA' L-1970 DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU

(ATT NRU. V TA' L-1970)

Ordni ta' l-1987 dwar Rati ta' Mgħax fuq Self u Avvanzi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dan l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1987 dwar Rati ta' Mgħax fuq Self u Avvanzi.

Rata ta' mgħax fuq self u avvanzi lil klassijiet speċifikati.

2. L-ogħla rata ta' mgħax li banek kummerċjali jew istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jitolbu fuq self u avvanzi lill-klassijiet speċifikati hawn isfel imsemmijin u, bla ħsara għal kull direttiva jew linja ta' prinċipju kif jistgħu jinħarġu mill-Bank Ċentrali ta' Malta minn żmien għal żmien, għandha tkun kif ġej: —

Klassi ta' Min Jissellef	*Self*	*Avvanzi*
Biedja u Sajd	6.5% fis-sena	6.5% fis-sena
Manifattura, Bini u Tiswija ta' Vapuri	7.0% fis-sena	6.5% fis-sena
Turizmu	7.0% fis-sena	7.0% fis-sena
Djar għal lok fejn wieħed joqgħod hu stess jekk dan il-lok ma jkunx ġa qiegħed jibbenefika minn xi sussidju fuq l-imgħax tant xi skema approvata	7.0% fis-sena	—
Importazzjoni ta' oġġetti li ma ħumiex essenzjali	8.5% fis-sena	8.5% fis-sena
Self inter-bankarju għal setturi prijoritarji	5.5% fis-sena	5.5% fis-sena
Self inter-bankarju ieħor	6.5% fis-sena	6.5% fis-sena
Oħrajn	8.0% fis-sena	8.0% fis-sena

Dati minn meta jibdew iseħħu r-rati ta' mgħax.

3. Ir-rati ta' mgħax murijin fit-tabella li tinsab fil-paragrafu 2 ta' dan l-Ordni għandhom jibdew iseħħu kif ġej:

(i) Fuq self eżistenti mid-data anniversarja tiegħu li jmiss iżda mhux iktar tard min-1 ta' Lulju, 1988;

(ii) Fuq avvanzi eżistenti fid-data ta' tiġdid jew fl-1 ta' Lulju, 1988, liema minnhom tiġi l-ewwel;

(iii) Fuq self u avvanzi ġodda b'seħħ mis-26 ta' Novembru, 1987.